2025/2041

23.10.2025

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) 2025/2041

tat-23 ta' Ottubru 2025

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 765/2006 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Belarussja u l-involviment tal-Belarussja fl-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 215 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2025/2040 tat-23 ta' Ottubru 2025 li temenda d-Deċiżjoni 2012/642/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Belarussja u l-involviment tal-Belarussja fl-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna ([1]),

Wara li kkunsidra l-proposta konġunta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u l-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Fit-18 ta' Mejju 2006, il-Kunsill adotta r-Regolament (KE) Nru 765/2006 ([2]).

(2) Ir-Regolament (KE) Nru 765/2006 jagħti effett lill-miżuri previsti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/642/PESK ([3]).

(3) Fit-23 ta' Ottubru 2025, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2025/2040, li temenda d-Deċiżjoni 2012/642/PESK.

(4) Id-Deċiżjoni (PESK) 2025/2040 tqis li jixraq li tiġi estiża l-lista ta' oġġetti li jistgħu jikkontribwixxu għat-titjib militari u teknoloġiku tal-Belarussja jew għall-iżvilupp tas-settur tad-difiża u s-sigurtà tagħha billi jiżdiedu oġġetti li ntużaw mir-Russja fil-gwerra ta' aggressjoni tagħha kontra l-Ukrajna u oġġetti li jikkontribwixxu għall-iżvilupp jew il-produzzjoni tas-sistemi militari tal-Belarussja, inkluż komponenti elettroniċi, rangefinders, sustanzi kimiċi addizzjonali użati fit-tħejjija ta' propellanti, u metalli, ossidi u ligi addizzjonali użati fil-manifattura ta' sistemi militari.

(5) Id-Deċiżjoni (PESK) 2025/2040 tqis li jixraq li tiġi estiża l-lista ta' oġġetti soġġetti għal restrizzjonijiet fuq l-esportazzjoni li jistgħu jikkontribwixxu għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet industrijali tal-Belarussja, bħal mluħ u minerali, oġġetti tal-lastku, tubi, tajers, ħaġar tal-mitħna u materjali tal-kostruzzjoni.

(6) Id-Deċiżjoni (PESK) 2025/2040 timponi aktar restrizzjonijiet fuq il-forniment, lir-Repubblika tal-Belarussja, lill-Gvern tagħha, lill-korpi, lill-korporazzjonijiet jew lill-aġenziji pubbliċi tagħha jew lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp li jaġixxu f'isimhom jew taħt id-direzzjoni tagħhom, ta' software b'ċerti użi fis-settur bankarju u finanzjarju u servizzi li jikkontribwixxu għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet teknoloġiċi tal-Belarussja, jiġifieri l-forniment ta' ċerti servizzi kummerċjali bbażati fl-ispazju, ċerti servizzi tal-intelliġenza artifiċjali u tal-computing ta' prestazzjoni għolja u servizzi tal-computing kwantistiku. Barra minn hekk, id-Deċiżjoni (PESK) 2025/2040 tespandi l-kamp ta' applikazzjoni tar-restrizzjonijiet attwali biex tkopri mhux biss l-ittestjar u l-analiżi tekniċi, kif ikklassifikati fil-klassi 8676 tal-Klassifikazzjoni Ċentrali tal-Prodotti kif stabbilit fl-Uffiċċju tal-Istatistika tan-Nazzjonijiet Uniti, id-Dokumenti dwar l-Istatistika, Serje M, Nru 77, CPC prov., 1991, iżda wkoll servizzi oħra li jiffurmaw il-grupp 867 tal-Klassifikazzjoni Ċentrali tal-Prodotti. Dawn is-servizzi jinkludu b'mod partikolari, kif ikklassifikati fil-klassi 8675, is-servizzi ta' konsulenza xjentifika u teknika relatati mal-inġinerija li ġejjin: servizzi ta' tiftix ġeoloġiku, ġeofiżiku u xjentifiku ieħor, stħarriġ taħt il-wiċċ tal-art, stħarriġ tal-wiċċ tal-art u servizzi tal-produzzjoni tal-mapep.

([1]) ĠU L, 2025/2040, 23.10.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2025/2040/oj.

([2]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 765/2006 tat-18 ta' Mejju 2006 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Belarussja u l-involviment tal-Belarussja fl-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna (ĠU L 134, 20.5.2006, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2006/765/oj).

([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/642/PESK tal-15 ta' Ottubru 2012 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Belarussja u l-involviment tal-Belarussja fl-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna (ĠU L 285, 17.10.2012, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2012/642/oj).

(7) Fid-dawl tal-gwerra ta' aggressjoni kontinwa tar-Russja kontra l-Ukrajna, li fiha hija involuta l-Belarussja, kwalunkwe forniment ulterjuri ta' servizzi lir-Repubblika tal-Belarussja, lill-Gvern tagħha, lill-korpi, lill-korporazzjonijiet jew lill-aġenziji pubbliċi tagħha jenħtieġ li jiġi vvalutat ex ante minn awtorità kompetenti, sabiex jittaffa r-riskju li servizz jikkontribwixxi għall-kapaċità militari, teknoloġika jew industrijali tal-Belarussja. Id-Deċiżjoni (PESK) 2025/2040 għalhekk tintroduċi rekwiżit għal awtorizzazzjoni minn qabel mill-awtorità kompetenti għal kwalunkwe servizz ipprovdut lir-Repubblika tal-Belarussja, lill-Gvern tagħha, lill-korpi, lill-korporazzjonijiet jew lill-aġenziji pubbliċi tagħha li mhumiex diġà soġġetti għall-miżuri restrittivi stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 765/2006.

(8) Id-Deċiżjoni (PESK) 2025/2040 timponi restrizzjonijiet fuq il-forniment ta' servizzi tal-kriptoassi, fuq il-forniment tas-servizzi ta' pagament imsemmija fil-punti 5 u 7 tal-Anness I tad-Direttiva (UE) 2015/2366 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]), u dwar il-ħruġ ta' flus elettroniċi lil ċittadini Belarussi, persuni fiżiċi residenti fil-Belarussja, u persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi stabbiliti fil-Belarussja, fid-dawl tal-importanza ta' dawk is-servizzi għall-iżvilupp tas-setturi tat-teknoloġija finanzjarja u tal-kummerċ elettroniku tal-Belarussja u l-użu potenzjali ta' servizzi tal-kriptoassi biex jiġu evitati l-miżuri restrittivi. Dawk ir-restrizzjonijiet ma jestendux għall-eżekuzzjoni ta' tranżazzjonijiet ta' pagament kif imsemmi fil-punti 3 u 4 tal-Anness I tad-Direttiva (UE) 2015/2366. Jenħtieġ li r-restrizzjonijiet fuq il-forniment ta' servizzi ta' pagament ma jinftehmux bħala li jimponu obbligi fuq il-fornituri ta' servizzi ta' bidu ta' pagament biex jiddeterminaw in-nazzjonalità, ir-residenza jew il-post ta' stabbiliment tal-utenti ta' servizzi ta' pagament għal kull tranżazzjoni, u lanqas fuq l-akkwirenti ta' tranżazzjonijiet ta' pagament biex iwettqu skrinjar tas-sanzjonijiet ta' tranżazzjonijiet individwali ta' pagament b'kard. Ir-responsabbiltà primarja għall-konformità mas-sanzjonijiet fir-rigward tal-eżekuzzjoni ta' tranżazzjonijiet ta' pagament hija tal-fornitur ta' servizzi ta' pagament li jiġġestixxi l-kont. Ir-restrizzjonijiet fuq il-forniment ta' servizzi tal-kriptoassi huma vinkolanti wkoll fuq il-fornituri ta' servizzi tal-kriptoassi li joperaw skont ir-reġim tranżizzjonali stabbilit fl-Artikolu 143(3) tar-Regolament (UE) 2023/1114 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([5]).

(9) Id-Deċiżjoni (PESK) 2025/2040 iżżid l-eżenzjonijiet meħtieġa għal finijiet umanitarji, għall-esportazzjoni, il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew it-trasport ta' prodotti farmaċewtiċi, mediċi jew agrikoli u tal-ikel, biex jiġi żgurat aċċess għal proċedimenti ġudizzjarji, amministrattivi jew arbitrali fi Stat Membru, kif ukoll għar-rikonoxximent jew l-infurzar ta' sentenza jew deċiżjoni ta' arbitraġġ mogħtija fi Stat Membru. Dawk l-eżenzjonijiet u d-deroga huma mingħajr preġudizzju għall-projbizzjoni fuq l-operaturi fl-Unjoni li jipprovdu servizzi ta' messaġġi finanzjarji lill-entitajiet elenkati fl-Anness XV tar-Regolament (KE) Nru 765/2006.

(10) Sabiex jitnaqqas aktar id-dħul tal-Belarussja, id-Deċiżjoni (PESK) 2025/2040 tqis li huwa xieraq li l-projbizzjoni fuq ix-xiri, l-importazzjoni jew it-trasferiment ta' ċerti oġġetti li jippermettu lill-Belarussja tiddiversifika s-sorsi tagħha ta' dħul għall-idrokarburi aċikliċi kollha.

(11) Fl-aħħar nett, huwa xieraq ukoll li jsiru ċerti emendi tekniċi fit-test operattiv u fl-annessi biex jittejbu l-preċiżjoni u ċ-ċarezza ta' ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 765/2006.

(12) Dawn il-miżuri jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u għalhekk, b'mod partikolari bil-ħsieb li tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tagħhom fl-Istati Membri kollha, hija neċessarja azzjoni regolatorja fil-livell tal-Unjoni.

(13) Għalhekk jenħtieġ li r-Regolament (KE) Nru 765/2006 jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 765/2006 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 1, jiżdiedu l-punti li ġejjin:

"28. 'kriptoassi' tfisser kriptoassi kif definit fl-Artikolu 3(1), il-punt (5) tar-Regolament (UE) 2023/1114 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*);

([4]) Id-Direttiva (UE) 2015/2366 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 dwar is-servizzi ta' pagament fis-suq intern, li temenda d-Direttivi 2002/65/KE, 2009/110/KE u 2013/36/UE u r-Regolament (UE) Nru 1093/2010, u li tħassar id-Direttiva 2007/64/KE (ĠU L 337, 23.12.2015, p. 35, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2015/2366/oj).

([5]) Ir-Regolament (UE) 2023/1114 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Mejju 2023 dwar is-swieq fil-kriptoassi, u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010 u (UE) Nru 1095/2010 u d-Direttivi 2013/36/UE u (UE) 2019/1937 (ĠU L 150, 9.6.2023, p. 40, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2023/1114/oj).

29. ‘servizzi ta’ pagament’ tfisser servizzi kif definit fl-Artikolu 4, il-punt (3), tad-Direttiva (UE) 2015/2366 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (**).

(*) Ir-Regolament (UE) 2023/1114 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta’ Mejju 2023 dwar is-swieq fil-kriptoassi, u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010 u (UE) Nru 1095/2010 u d-Direttivi 2013/36/UE u (UE) 2019/1937 (ĠU L 150, 9.6.2023, p. 40, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2023/1114/oj).

(**) Id-Direttiva (UE) 2015/2366 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta’ Novembru 2015 dwar is-servizzi ta’ pagament fis-suq intern, li temenda d-Direttivi 2002/65/KE, 2009/110/KE u 2013/36/UE u r-Regolament (UE) Nru 1093/2010, u li tħassar id-Direttiva 2007/64/KE (ĠU L 337, 23.12.2015, p. 35, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2015/2366/oj).”;

(2) l-Artikolu 1bb huwa emendat kif ġej:

(a) jiddaħħlu l-paragrafi li ġejjin:

“3c. Il-projbizzjonijiet fil-paragrafi 1 u 3 ma għandhomx japplikaw għall-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni ta’ oġġetti li jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM 2501, 2505, 2507, 2513, 2516, 2517, 2528, 2606, 6804, 6815 u 6903, kif elenkat fl-Anness XVIII, li jkunu meħtieġa għall-eżekuzzjoni sal-25 ta’ Jannar 2026 ta’ kuntratti konklużi qabel l-24 ta’ Ottubru 2025, jew ta’ kuntratti anċillari meħtieġa għall-eżekuzzjoni ta’ tali kuntratti.

3d. Il-projbizzjonijiet fil-paragrafi 1 u 3 ma għandhomx japplikaw għall-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni ta’ oġġetti li jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM 6902 u 6909 19, kif elenkat fl-Anness XVIII li jkunu meħtieġa għall-eżekuzzjoni sal-25 ta’ April 2026 ta’ kuntratti konklużi qabel l-24 ta’ Ottubru 2025, jew ta’ kuntratti anċillari meħtieġa għall-eżekuzzjoni ta’ tali kuntratti.”;

(b) il-paragrafu 9 jitħassar;

(3) fl-Artikolu 1ga, il-paragrafu 5 jitħassar.

(4) l-Artikolu 1jc huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, il-formulazzjoni introduttorja hija sostitwita b’dan li ġej:

“1. Għandu jkun ipprojbit il-forniment, direct jew indirett, ta’ servizzi ta’ kontabilità, servizzi ta’ awditjar, inkluż awditjar statutorju, żamma tal-kotba, konsulenza dwar it-taxxa, jew konsulenza dwar in-negozju u konsulenza maniġerjali, jew servizzi ta’ relazzjonijiet pubbliċi lil:”;

(b) fil-paragrafu 2, il-formulazzjoni introduttorja hija sostitwita b’dan li ġej:

“2. Għandu jkun ipprojbit li jiġu pprovduti, direttament jew indirettament, servizzi ta’ kostruzzjoni, ta’ arkitettura, ta’ inġinerija integrata, ta’ ppjanar urban, ta’ konsulenza xjentifika u teknika relatata mal-inġinerija jew servizzi ta’ ttestjar u analiżi tekniċi, servizzi ta’ konsulenza legali u servizzi ta’ konsulenza tal-IT lil:”;

(c) fil-paragrafu 3, il-formulazzjoni introduttorja hija sostitwita b’dan li ġej:

“3. Għandu jkun ipprojbit il-forniment, direct jew indirett, ta’ reklamar, riċerka tas-suq jew servizzi ta’ stħarriġ tal-opinjoni pubblika lil:”;

(d) fil-paragrafu 4, il-formulazzjoni introduttorja hija sostitwita b’dan li ġej:

“4. Għandhom ikunu pprojbiti l-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment, l-esportazzjoni jew il-proviżjoni direttament jew indirettament ta’ software għall-ġestjoni ta’ intrapriżi u software għad-disinn u l-manifattura industrijali u software b’ċerti użi fis-settur bankarju u finanzjarju kif elenkat fl-Anness XXVI lil:”;

(e) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"4a. Għandu jkun ipprojbit, mill-25 ta' Novembru 2025, il-forniment, direttt jew indirett, ta' servizzi kummerċjali bbażati fl-ispazju li jikkonsistu f'servizzi ta' osservazzjoni tad-dinja jew ta' navigazzjoni bis-satellita, ta' intelliġenza artifiċjali (AI) li jikkonsistu f'aċċess għal mudelli jew għal pjattaformi għat-taħriġ, l-irfinar u l-inferenza tagħhom, jew computing ta' prestazzjoni għolja, inkluż l-aċċess għall-computing aċċellerat tal-unità tal-ipproċessar grafiku, jew għas-servizzi tal-computing kwantistiku lil:

(a) ir-Repubblika tal-Belarussja, il-Gvern tagħha, il-korpi, il-korporazzjonijiet jew l-aġenziji pubbliċi tagħha; jew

(b) lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp li jaġixxu f'isem jew fuq ordni tar-Repubblika tal-Belarussja, il-Gvern tagħha, il-korpi, il-korporazzjonijiet jew l-aġenziji pubbliċi tagħha.";

(f) il-paragrafu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"5. Għandu jkun ipprojbit:

(a) l-għoti dirett jew indirett ta' assistenza teknika, servizzi ta' senserija jew servizzi oħra relatati mas-servizzi u s-software imsemmija fil-paragrafi 1 sa 4a, lir-Repubblika tal-Belarussja, lill-Gvern tagħha, lill-korpi, lill-korporazzjonijiet jew lill-aġenziji pubbliċi tagħha jew lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp li jaġixxu f'isem jew taħt id-direzzjoni ta' tali persuna ġuridika, entità jew korp;

(b) l-għoti dirett jew indirett ta' finanzjament jew assistenza finanzjarja relatati mas-servizzi u mas-software msemmija fil-paragrafi 1 sa 4, jew għall-forniment ta' assistenza teknika relatata, servizzi ta' senserija jew servizzi oħra, lir-Repubblika tal-Belarussja, lill-Gvern tagħha, lill-korpi, lill-korporazzjonijiet jew lill-aġenziji pubbliċi tagħha jew lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp li jaġixxu f'isem jew fuq ordni ta' tali persuna ġuridika, entità jew korp; jew

(c) il-bejgħ, il-liċenzjar jew it-trasferiment b'xi mod ieħor tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali jew sigrieti kummerċjali kif ukoll l-għoti ta' drittijiet għall-aċċess jew għall-użu mill-ġdid ta' kwalunkwe materjal jew informazzjoni protetta permezz ta' drittijiet tal-proprjetà intellettwali jew li tikkostittwixxi sigrieti kummerċjali relatati mas-software msemmi fil-paragrafu 4 u mal-forniment, il-manifattura, il-manutenzjoni u l-użu ta' dak is-software direttament jew indirettament lir-Repubblika tal-Belarussja, lill-Gvern tagħha, lill-korpi, lill-korporazzjonijiet jew lill-aġenziji pubbliċi tagħha jew lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp li jaġixxu f'isem jew fuq ordni ta' tali persuna ġuridika, entità jew korp.";

(g) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"5a. Għandha tkun meħtieġa awtorizzazzjoni minn qabel għall-forniment, direttt jew indirett, ta' kwalunkwe servizz mhux kopert mill-paragrafi 1, 2, 3 jew 4a, lir-Repubblika tal-Belarussja, lill-Gvern tagħha, lill-korpi, lill-korporazzjonijiet jew lill-aġenziji pubbliċi tagħha. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw, abbażi ta' valutazzjoni speċifika u każ b'każ, il-forniment ta' tali servizzi, b'tali kundizzjonijiet li huma jqisu xierqa, wara li jkunu ddeterminaw li dan huwa konsistenti mal-objettivi ta' dan ir-Regolament.";

(h) il-paragrafu 10 huwa sostitwit b'dan li ġej;

"10. Il-projbizzjonijiet fil-paragrafi 2 u 4 u l-projbizzjonijiet relatati ma' servizzi kummerċjali bbażati fl-ispazju fil-paragrafu 4a ma għandhomx japplikaw għall-għoti ta' servizzi jew software meħtieġa għal emerġenzi tas-saħħa pubblika, il-prevenzjoni jew il-mitigazzjoni urġenti ta' avveniment li x'aktarx ikollu impatt serju u sinifikanti fuq is-saħħa u s-sikurezza tal-bniedem jew l-ambjent, jew bħala rispons għal diżastri naturali.";

(i) jiddaħħlu l-paragrafi li ġejjin:

"10a. Il-projbizzjonijiet fil-paragrafu 4 ma għandhomx japplikaw għall-forniment ta' software b'ċerti użi fis-settur bankarju u finanzjarju kif elenkat fl-Anness XXVI li huwa meħtieġ għall-eżekuzzjoni sal-25 ta' Jannar 2026 ta' kuntratti konklużi qabel l-24 ta' Ottubru 2025, jew ta' kuntratti anċillari meħtieġa għall-eżekuzzjoni ta' tali kuntratti.

10b. Il-paragrafu 5a ma għandux japplika għall-eżekuzzjoni sal-1 ta' Jannar 2026 ta' kuntratti konklużi qabel l-24 ta' Ottubru 2025, jew ta' kuntratti anċillari meħtieġa għall-eżekuzzjoni ta' tali kuntratt.";

(j) il-paragrafu 12 huwa sostitwit b'dan li ġej;

"12. B'deroga mill-projbizzjonijiet relatati mas-software fil-paragrafu 4 u mill-projbizzjonijiet relatati mal-forniment ta' servizzi tal-IA u tal-computing ta' prestazzjoni għolja jew servizzi tal-computing kwantistiku fil-paragrafu 4a, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw il-forniment ta' software u servizzi msemmija fih, b'tali kundizzjonijiet li jqisu xierqa, wara li jkunu ddeterminaw li s-software jew is-servizzi huma strettament meħtieġa għall-kontribut taċ-ċittadini Belarussi għal proġetti internazzjonali b'sors miftuħ.";

(k) fil-paragrafu 13, il-formulazzjoni introduttorja hija sostitwita b'dan li ġej:

"13. B'deroga mill-paragrafi 1 sa 5, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw il-forniment ta' servizzi u software msemmijin fih, bil-kundizzjonijiet li huma jqisu xierqa, wara li jkunu ddeterminaw li dan huwa meħtieġ għal:";

(l) il-paragrafu 15 huwa sostitwit b'dan li ġej;

"15. L-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni bi kwalunkwe awtorizzazzjoni mogħtija skont il-paragrafu 5a u l-paragrafi 11 sa 14 fi żmien ġimagħtejn mill-awtorizzazzjoni.";

(5) fl-Artikolu 1ra, jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"9b. Fir-rigward tal-oġġetti li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 2901 10 00, il-projbizzjonijiet fil-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx japplikaw għall-eżekuzzjoni sal-25 ta' Jannar 2026 ta' kuntratti konklużi qabel l-24 ta' Ottubru 2025, jew ta' kuntratti anċillari meħtieġa għall-eżekuzzjoni ta' tali kuntratti.

9c. Mis-26 ta' Jannar 2026 sal-25 ta' Lulju 2026, il-projbizzjonijiet fil-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx japplikaw għax-xiri jew l-importazzjoni lejn l-Ungerija ta' oġġetti li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 2901 10 00 li joriġinaw mill-Belarussja jew li huma esportati mill-Belarussja, dment li l-oġġetti jkunu maħsuba għall-użu esklużiv fl-Ungerija.

9d. L-oġġetti li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 2901 10 00 importati lejn l-Ungerija skont l-eżenzjoni fil-paragrafu 9c ma għandhomx jinbiegħu lil xerrejja li jinsabu fi Stat Membru ieħor jew f'pajjiż terz.";

(6) l-Artikolu 1s huwa emendat kif ġej:

(a) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"4b. B'deroga mill-paragrafu 1a, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw it-tranżitu mit-territorju tal-Belarussja ta' oġġetti u teknoloġija elenkati fl-Anness XIVa, wara li jkunu ddeterminaw li tali oġġetti jew teknoloġija huma meħtieġa:

(a) għal skopijiet mediċi jew farmaċewtiċi, jew għal finijiet umanitarji, bħat-twassil jew l-iffaċilitar tat-twassil ta' assistenza, inkluż provvisti mediċi, ikel, jew it-trasferiment ta' ħaddiema umanitarji u assistenza relatata jew għal evakwazzjonijiet;

(b) għall-użu esklussiv u taħt il-kontroll sħiħ tal-Istat Membru li jawtorizza u sabiex jissodisfa l-obbligi ta' manutenzjoni tiegħu f'żoni li huma taħt ftehim ta' kiri fit-tul bejn dak l-Istat Membru u l-Belarussja; jew

(c) għall-istabbiliment, it-tħaddim, il-manutenzjoni, il-forniment u t-trattament mill-ġdid ta' fjuwil u s-sikurezza ta' kapaċitajiet nukleari ċivili, u l-kontinwazzjoni tad-disinn, il-kostruzzjoni u l-ikkummissjonar meħtieġa għat-tlestija ta' faċilitajiet nukleari ċivili, il-forniment ta' materjal prekursur għall-produzzjoni ta' isotopi radjuattivi mediċi u applikazzjonijiet mediċi simili, teknoloġija kritika għall-monitoraġġ tar-radjazzjoni ambjentali, kif ukoll għall-kooperazzjoni nukleari ċivili, b'mod partikolari fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp.";

(7) l-Artikolu 1u huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej;

"2. Għandu jkun ipprojbit il-forniment, direct jew indirett, tas-servizzi li ġejjin lil ċittadini Belarussi jew persuni fiżiċi li jirrisjedu fil-Belarussja, jew lil persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi stabbiliti fil-Belarussja:

(a) servizzi tal-kriptoassi, kif definit fir-Regolament (UE) 2023/1114;

(b) il-ħruġ ta' strumenti ta' pagament, l-akkwist ta' tranżazzjonijiet ta' pagament, jew servizzi ta' bidu ta' pagament, kif definit fid-Direttiva (UE) 2015/2366;

(c) ħruġ ta' flus elettroniċi, kif definit fid-Direttiva 2009/110/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*).

(*) Id-Direttiva 2009/110/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 dwar il-bidu, l-eżerċizzju u s-superviżjoni prudenzjali tan-negozju tal-istituzzjonijiet tal-flus elettroniċi li temenda d-Direttivi 2005/60/KE u 2006/48/KE u li tħassar id-Direttiva 2000/46/KE (ĠU L 267, 10.10.2009, p. 7, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2009/110/oj).";

(b) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej;

"3. Għandu jkun ipprojbit mis-26 ta' Marzu 2025 li ċittadini Belarussi jew persuni fiżiċi li jirrisjedu fil-Belarussja jitħallew direttament jew indirettament ikollhom is-sjieda jew jikkontrollaw, jew li jokkupaw kwalunkwe kariga fil-korpi ta' tmexxija ta', persuna ġuridika, entità jew korp li huma inkorporati jew kostitwiti skont il-liġi ta' Stat Membru u li jkunu qed jipprovdu servizzi ta' kartiera, kontijiet jew kustodja ta' kriptoassi.";

(8) l-Artikolu 1v huwa emendat kif

(a) fil-paragrfu 1, il-kliem introduttorju huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. B'deroga mill-Artikolu 1u(1) u (2), l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw l-aċċettazzjoni ta' tali depożitu jew il-forniment ta' tali servizz, taħt dawk il-kondizzjonijiet li huma jqisu xierqa, wara li jkunu ddeterminaw li l-aċċettazzjoni ta' tali depożitu jew il-forniment ta' tali servizz huwa:";

(b) jiddaħħlu l-paragrafi li ġejjin:

"1a. Il-projbizzjoni fl-Artikolu 1u(2), il-punti (b) u (c), ma għandhiex tapplika għall-forniment ta' kredenzjali personalizzati ta' sigurtà meħtieġa biex jiġi aċċessat kont ma' istituzzjoni ta' kreditu jew istituzzjoni tal-flus elettroniċi stabbilita fi Stat Membru jew pajjiż kif elenkat fl-Anness Vba.

1b. B'deroga mill-Artikolu 1u(2), il-punti (b) u (c), l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw il-forniment ta' tali servizz, skont dawk il-kundizzjonijiet li huma jqisu xierqa, wara li jkunu ddeterminaw li dan ikun meħtieġ għall-użu esklużiv ta' persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi stabbiliti fil-Belarussja li huma proprjetà ta', jew ikkontrollati biss jew b'mod konġunt minn, persuna ġuridika, entità jew korp li huma inkorporati jew kostitwiti skont il-liġi ta' Stat Membru jew ta' pajjiż kif elenkat fl-Anness Vba.";

(c) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. L-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħrajn u lill-Kummissjoni bi kwalunkwe awtorizzazzjoni li tingħata skont il-paragrafu 1, il-punt (a), (b), (d), (e) jew (f), u l-paragrafu 1b fi żmien ġimagħtejn mill-awtorizzazzjoni.";

(9) fl-Artikolu 1w, il-kliem introduttorju huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. B'deroga mill-Artikolu 1u(1) u (2), l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw l-aċċettazzjoni ta' tali depożitu jew il-forniment ta' tali servizz, taħt dawk il-kondizzjonijiet li huma jqisu xierqa, wara li jkunu ddeterminaw li l-aċċettazzjoni ta' tali depożitu jew il-forniment ta' tali servizz huma meħtieġa għal:";

(10) fl-Artikolu 1zb, jiżdiedu l-punti li ġejjin fil-paragrafu 1a:

"(c) meħtieġa għall-esportazzjoni, il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew it-trasport ta' prodotti farmaċewtiċi, mediċi jew agrikoli u tal-ikel, inkluż qamħ u fertilizzanti li l-esportazzjoni, il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew it-trasport tagħhom lejn il-Belarussja huma permessi skont dan ir-Regolament;

(d) meħtieġa strettament biex jiżguraw l-aċċess għal proċedimenti ġudizzjarji, amministrattivi jew ta' arbitraġġ fi Stat Membru, kif ukoll għar-rikonoxximent jew l-infurzar ta' sentenza jew deċiżjoni ta' arbitraġġ mogħtija fi Stat Membru, dment li tali tranżazzjonijiet ikunu konsistenti mal-objettivi ta' dan ir-Regolament; jew

(e) meħtieġa għal finijiet umanitarji, bħat-twassil jew l-iffaċilitar tat-twassil ta' assistenza, inklużi provvisti mediċi, ikel, jew it-trasferiment ta' ħaddiema umanitarji u assistenza relatata jew għal evakwazzjonijiet.";

(11) l-Annessi huma emendati f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Ottubru 2025.

Għall-Kunsill

Il-President

M. BJERRE

ANNESS

L-Annessi tar-Regolament (KE) Nru 765/2006 huma emendati kif ġej:

(1) fl-Anness V, l-intestatura hija sostitwita b'dan li ġej:

"ANNESS V

LISTA TA' PERSUNI FIŻIĊI JEW ĠURIDIĊI, ENTITAJIET JEW KORPI MSEMMIJIN FL-ARTIKOLI 1e(7), 1f(7), 1fa(1) U 1fa(1a)";

(2) l-Anness Va huwa emendat kif ġej:

(a) fil-Parti A, il-Kategorija I, it-taqsima X.A.I.001, tiżdied l-entrata li ġejja:

"q. Indutturi ta' apparat immuntat fuq il-wiċċ (SMD).";

(b) fil-Parti A, il-Kategorija VIII, it-taqsima X.A.VIII.023 hija sostitwita b'dan li ġej:

"X.A.VIII.023 Nettings, canopies, tined, kutri u lbies (inkluż ilbies tattiku, xedd is-saqajn, flokkijiet ta' taħt, sistemi ta' ġarr, u aċċessorji relatati), iddisinjati apposta jew adatti għall-użu f'ġlied militari, operazzjonijiet fuq il-post, jew għal finijiet ta' kamuflaġġ.";

(c) fil-Parti A, il-Kategorija VIII, it-taqsima X.C.VIII.005 tinbidel b'dan li ġej:

"X.C.VIII.005 Prekursuri u sustanzi kimiċi kostitwenti għall-propellanti, u aġenti awżiljarji relatati, kif ġej:

a. Diisoċjanat tat-toluwen, fi kwalunkwe forma isomerika (CAS 584-84-9, 91-08-7, 26471-62-5, 9002-68-2, 26628-22-8);

b. Dijisoċjanat tad-Difenil tal-Metil (CAS 101-68-8);

c. Diisoċjanat tal-isoforon (CAS 4098-71-9);

d. Ksilidina fi kwalunkwe forma iżomerika (CAS 87-59-2, 95-68-1, 95 78-3, 87-62-7, 95-63-6 jew 108-69-0);

e. Polietere Terminat tal-Idrossi (HTPE);

f. Etere Kaprolattam Terminat tal-Idrossi (HTcE).

g. Triklorosilan tal-metil (CAS 75-79-6);

h. Aġenti awżiljarji kif ġej:

1. Aċidu etilendiamminatetraaċetiku (EDTA) (CAS 60-00-4);

2. Melħ tad-disodju tal-EDTA (CAS 139-33-3 u CAS 6381 92 6); jew

3. Melħ tetrasodiku tal-EDTA (CAS 64-02-8).

Nota Teknika: Din l-entrata tirreferi għal sustanza pura u għal kwalunkwe taħlita li jkollha mill-inqas 50 % ta' waħda mill-kimiki msemmijin hawn fuq.";

(d) fil-Parti A, il-Kategorija IX, tiddaħħal it-taqsima li ġejja:

"X.C.IX.016 Molibdenu u ligi, mhux ikkontrollati minn 1C117 ([1]), li fihom aktar minn 90 % molibdenu skont il-piż.

Nota: Għall-għanijiet ta' kontroll ta' X.C.IX.016, l-istrumenti kirurġiċi jew mediċi huma esklużi.";

(e) fil-Parti B, it-Tabella "3. Kameras fotografiċi, sensuri u komponenti ottiċi" hija sostitwita b'dan li ġej:

([1]) Ref. l-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/821.

"3. Kameras fotografiċi, sensuri u komponenti ottiċi

Kodiċi NM	Deskrizzjoni
8525 89	Kameras tat-televiżjoni, kameras diġitali u vidjokameras li jirrekordjaw oħrajn
8529 90	Parts oħrajn tajbin għal użu biss jew prinċipalment mal-apparat tal-intestaturi 8524 sa 8528
9006 30	Kameras maħsubin apposta għall-użu taħt l-ilma, għat-topometrija mill-ajru jew għall-eżaminazzjoni medika jew kirurġika tal-organi interni; kameras ta' tqabbil għall-finijiet forensiċi jew kriminologiċi
9006 91	Partijiet u aċċessorji għall-kameras
9013 10	Miri teleskopiċi biex jintramaw mal-armi; periskopji; teleskopji maħsubin biex ikunu parti minn magni, apparati, strumenti jew apparat ta' dan il-kapitolu jew fit-Taqsima XVI
9013 80	Tagħmir, apparat u strumenti ottiċi oħrajn
9015 10 00	Telemetri
9025 19	Termometri u pirometri oħrajn, mhux imħalltin ma' strumenti oħrajn
9032 10	Termostati";

(f) fil-Parti B, it-Tabella "6. Materjali u prekursuri enerġetiċi" hija sostitwita b'dan li ġej:

"6. Materjali u prekursuri enerġetiċi

Kodiċi NM	Deskrizzjoni
2804 50 10	Boron
2829 11 00	Klorati tas-sodju
2829 19 00	Klorati oħrajn
2829 90	Perklorati; bromati u perbromati; jodati u perjodati
3912 11 00	Aċetati tal-ċelluloża mhux plastifikat, f'forom primarji
3912 12 00	Aċetati ta' ċelluloża plastifikat, f'forom primarji
3912 39	Eteri taċ-ċelluloża, f'forom primarji (għajr karbossimetilċelluloża u l-imlieħ tagħha)
4706 10	Polpi ta' fibri ġejjin minn (skart u laqx tal-) karta jew kartun irkuprat ta' materjal ċellulożiku fibruż ieħor: Polpa ta' ħjut qosra (linters) tal-qoton
7603 10 00	Trabijiet ta' struttura mhux lamellari
7603 20 00	Trabijiet ta' struttura lamellari; fjokki
8104 30 00	Frak tar-raspa tal-manjeżju, bċejjeċ li jaqgħu mit-torn u ħbub, magħżulin skont il-qies; trabijiet";

(g) fil-Parti B, it-Tabella "8. Prodotti kimiċi, metalli, ligi, kompożizzjonijiet kimiċi u materjali avvanzati oħra" hija sostitwita b'dan li ġej:

"8. Prodotti kimiċi, metalli, ligi, kompożizzjonijiet kimiċi u materjali avvanzati oħra

Kodiċi NM	Deskrizzjoni
2610 00	Minerali mhux maħduma u konċentrati tal-kromu
2819 10	Triossidu tal-kromju
2819 90	Ossidi u idrossidi tal-kromu oħrajn
2825 80 00	Ossidi tal-antimonju
8103 20 00	Tantalu mhux maħdum, inkluż żbarri u vireg magħmulin sempliċiment bis-sinterizzazzjoni; trabijiet
8103 30 00	Skart u ruttam tat-tantalum
8103 91 00	Griġjoli tat-tantalju
8103 99	Oġġetti tat-tantalju
8112 21	Kromju: mhux maħdumin; trabijiet
8112 22	Kromju: Skart u ruttam
8112 29	Kromju: Oħrajn
8112 41	Renju mhux maħdum u skart, ruttam u trabijiet tar-renju
8112 49	Renju, għajr dak mhux maħdum, skart, ruttam u trabijiet
8112 92	Nijobju mhux maħdum ('kolumbju'), gallju, indju, vanadju u ġermanju; trabijiet u skart u ruttam ta' dawn il-metalli
8112 99	Oġġetti tan-njobju ('kolumbju'), gallju, indju, vanadju u ġermanju";

(3) l-Anness Vb huwa sostitwit b'dan li ġej:

"ANNESS Vb

Lista ta' pajjiżi sħab imsemmijin fl-Artikoli 1bb(7), 1e(4), 1f(4), 1fc(4), 1ga(4), 1jc(13), 1s(4) U 1zb(1a)

[…]";

(4) fl-Anness Vba, l-intestatura hija sostitwita b'dan li ġej:

"ANNESS Vba

Lista ta' pajjiżi msemmijin fl-Artikoli 1v(1a), 1v(1b), 1za(2), 7(2a), 8g(1) u 8ga(2)";

(5) l-Anness XVIII huwa sostitwit b'dan li ġej:

"ANNESS XVIII

Lista ta' oġġetti u teknoloġiji li jistgħu jikkontribwixxu għat-tkabbir tal-kapaċitajiet industrijali Belorussi msemmijin fl-Artikolu 1bb

Kodiċi NM	Deskrizzjoni
0601	Basal, tuberi, għeruq tuberużi, ħanxul, qċaċet u riżomi, reqdin, jarmu jew bil-ward, pjanti taċ-ċikwejra u għeruq għajr dawk l-għeruq tal-intestatura 1212
0602 30	Rododendri u ażalej, imlaqqmin jew le
0602 40	Ward, imlaqqmin jew le
0602 90	Pjanti oħrajn ħajjin (inkluż l-għeruq tagħhom), biċċiet u brokkijiet; żergħa bajda tal-fungi – Oħrajn
0604 20	Faxxina, friegħi u partijiet oħra ta' pjanti, mingħajr fjuri jew blanzuni, u ħaxix, ħażiż u likeni, li jkunu ta' xorta adatta għal bukketti jew għal finijiet ta' tiżjin, friski, mnixxfin, mogħtijin il-kulur, ibbliċjati, mimlijin jew imħejjijin mod ieħor – Friski
25	Melħ; kubrit; materjali tal-art u ġebel; materjali tat-tikħil, ġir u siment
26	Minerali mhux maħduma, gagazza u rmied
2701	Faħam; briquettes, ovojdi u karburanti solidi simili manifatturati mill-faħam
2702	Lignite, mgħaqqad jew le, għajr ġett
2703	Pit (inkluż l-iskart tal-pit), kemm jekk agglomerat u kemm jekk le
2704	Kokk u semikokk tal-faħam, tal-linjite u tal-peat, kemm jekk agglomerat u kemm jekk le; karbonju tal-istorta
2707	Żjut u prodotti oħrajn mid-distillazzjoni tal-qatran tal-faħam f'temperatura għolja; prodotti simili li fihom il-piż tal-kostitwenti aromatiċi jaqbeż dak tal-kostitwenti mhux aromatiċi
2708	Żift u kokk taż-żift, miksub mill-qatran tal-faħam jew minn qatran minerali ieħor
2710	Żjut tal-petroleum u ż-żjut miksubin mill-minerali bituminużi (għajr dawk grezz); preparati li fihom ≥ 70 % bħala toqol ta' żjut tal-petroleum jew ta' żjut miksuba minn minerali bituminużi, dawn iż-żjut li huma l-kostitwenti bażiċi tal-preparati, mhux speċifikati banda oħra; żjut ta' skart magħmulin l-aktar mill-petroleum jew minerali bituminużi
2712	Jelly tal-petroleum, xama' bajda, xama' tal-petroleum mikrokristallina, slack wax, ożoċerit, xama' tal-linjite, xama' tal-peat, xemgħat oħrajn minerali, u prodotti simili miksubin b'sinteżi jew bi proċessi oħrajn, kemm jekk ikkuluriti u kemm jekk le

Kodiċi NM	Deskrizzjoni
2715	Mastiċi bituminużi, cut-backs u taħlitiet bituminużi oħra bbażati fuq l-asfalt naturali, fuq il-bitum naturali, fuq il-bitum tal-petroleum, fuq il-qatran minerali jew fuq iż-żift tal-qatran minerali – Oħrajn
2801	Fluworin, klorin, bromin u jodju
2802	Kubrit, sublimat jew preċipitat; kubrit kollojdali
2803	Karbonju (iswed tal-karbonju u forom oħra ta' karbonju mhux speċifikati jew inklużi banda oħra)
2804	Idroġenu, gassijiet rari u non-metalli oħrajn
2806	Klorur tal-idroġenu 'aċtu idrokloriku'; aċtu klorosulfuriku
2811	Aċti inorganiċi oħrajn u komposti inorganiċi oħrajn tal-ossiġnu ta' non-metalli
2813	Sulfuri tan-nonmetalli; trijusulfid tal-fosforu kummerċjali
2814	Ammonja, anidra jew f'soluzzjoni ta' ilma
2815	Idrossidu tas-sodju 'soda kawstika', idrossidu tal-potassju 'potassa kawstika'; perossidi tas-sodju jew potassju
2817	Ossidu taż-żingu; perossidu taż-żingu
2818 30	Idrossidu tal-aluminju
2819	Ossidi u idrossidi tal-kromu
2820	Ossidi tal-manganiż
2821	Ossidi u idrossidi tal-ħadid; kuluri tal-art li fihom 70 % jew iktar skont il-piż ta' ħadid ikkombinat evalwat bħala Fe_2O_3
2822	Ossidi u idrossidi tal-kobalt; ossidi tal-kobalt kummerċjali
2823	Ossidi tat-titanju
2825	Idrazina u idrossilammina u mlieħ inorganiċi tagħhom; bażijiet inorganiċi, ossidi, idrossidi u perossidi tal-metall, mhux speċifikati xi mkien ieħor
2827	Kloruri, ossidi tal-klorur u idrossidi tal-klorur; bromuri u ossidi tal-bromur; joduri u ossidi tal-jodur
2828	Ipokloriti; ipoklorit tal-kalċju kummerċjali; kloriti; ipobromati
2829	Klorati u oerklorati; bromati u oerbromati; jodati u oerjodati

Kodiċi NM	Deskrizzjoni
2832 20	Sulfiti (għajr is-sodju)
2833	Sulfati; alumi; perossosulfati ‘persulfati’
2834	Nitriti; nitrati
2835	Fosfinati (ipofosfiti), fosfonati (fosfiti) u fosfati; polifosfati, kemm jekk definiti kimikament u kemm jekk le
2836	Karbonati; perossikarbonati ‘perkarbonati’; karbonat tal-ammonju kummerċjali li jkun fih il-karbamat tal-ammonju
2839	Silikati; silikati tal-metall alkali kummerċjali
2840	Borati; Perossoborati (perborati)
2841	Melħ ta’ aċidi ossometalliċi jew perossometalliċi
2843	Metalli prezzjużi kollojdali; komposti inorganiċi jew organiċi tal-metalli prezzjużi, kemm jekk definiti kimikament u kemm jekk le; amalgami tal-metalli prezzjużi
2846	Komposti, inorganiċi jew organiċi, ta’ elementi kimiċi metalliċi rari (rare-earth metals), ta’ ittirju jew ta’ skandju jew ta’ taħlitiet ta’ dawn il-metalli
2847	Perossidu tal-idroġenu, kemm jekk issolidifikat bl-urea u kemm jekk le
2901	Idrokarburi aċikliċi
2902	Idrokarboni ċikliċi
2903	Derivattivi aloġenati ta’ idrokarboni
2904	Derivattivi ta’ idrokarboni sulfonati, nitrati jew nitrosati, aloġenati jew le
2905	Alkoħoli aċikliċi u d-derivattivi aloġenati, sulfonati, nitrati jew nitrosati tagħhom
2906	Alkoħoli ċikliċi u derivattivi aloġenati, sulfonati, nitrati jew nitrożati tagħhom
2907	Fenoli; fenolalkoħols
2909	Eteri, eter-alkoħoli, eter-fenoli, eter-alkoħol-fenoli, perossidi tal-alkoħol, perossidu tal-etere, perossidi tal-keton, kemm jekk definiti kimikament u kemm jekk le, u derivattivi aloġenati, sulfonati, nitrati jew nitrożati tagħhom

Kodiċi NM	Deskrizzjoni
2910	Epossidi, epoksialkoħoli, epossifenoli u epoksieteri, b'ċirku bi tliet membri, u d-derivattivi aloġenati, sulfonati, nitrati jew nitrosati tagħhom
2911	Aċetali u emiaċetali, kemm jekk b'funzjoni ta' ossiġenu u kemm jekk le, u derivattivi aloġenati, sulfonati, nitrati jew nitrożati tagħhom
2912	Aldeidi, kemm jekk b'funzjoni oħra ta' ossiġenu u kemm jekk le; polimeri ċikliċi tal-aldeidi; paraformaldeid
2914	Ketoni u kinoni, kemm jekk b'funzjoni ossiġenu u kemm jekk le, u derivattivi aloġenati, sulfonati, nitrati jew nitrożati tagħhom
2915	Aċidi monokarbossiliċi aċikliċi saturati u anidridi, aloġenuri, perossidi u perossiaċidi tagħhom; derivattivi aloġenati, sulfonati, nitrati jew nitrożati tagħhom
2916	Aċidi monokarbossiliċi aċikliċi mhux saturati, aċidi monokarbossiliċi ċikliċi, anidridi, aloġenuri, perossidi u perossiaċidi tagħhom; derivattivi aloġenati, sulfonati, nitrati jew nitrożati tagħhom
2917	Aċidi polikarbossiliċi, anidridi, aloġenuri, perossidi u perossiaċidi tagħhom; derivattivi aloġenati, sulfonati, nitrati jew nitrożati tagħhom
2918	Aċidi karbossiliċi b'funzjoni addizzjonali ta' ossiġenu u anidridi, aloġenuri, perossidi u perossiaċidi tagħhom; derivattivi aloġenati, sulfonati, nitrati jew nitrożati tagħhom
2920	Esteri ta' aċidi inorganiċi oħrajn ta' nonmetalli (ħlief esteri tal-aloġenuri tal-idroġenu) u l-imlieħ tagħhom; derivattivi aloġenati, sulfonati, nitrati jew nitrożati tagħhom
2921	Komposti funzjoni-amina
2922	Komposti tal-ammino b'funzjoni ta' ossiġenu
2923	Imlieħ u idrossidi ta' ammonju kwaternarju; Leċitini u fosfoaminolipidi oħra, definiti kimikament jew le
2924	Komposti b'funzjoni ta' karbossiammid; komposti b'funzjoni ta' ammid tal-aċidu karboniku
2925	Komposti b'funzjoni ta' karboksimida, inkluża sakkarina u l-melħ tagħha u komposti b'funzjoni ta' imine
2926	Komposti b'funzjoni ta' nitril
2929	Komposti b'funzjoni-nitroġenu oħra
2930	Komposti organo-sulfuriċi
2933 29	Komposti eteroċikliċi b'eteroatomu/i tan-nitroġenu biss, li fihom ċirku tal-imidażol mhux fuż, kemm jekk idroġenat u kemm jekk le, fl-istruttura (għajr idantoina u derivattivi tagħha, u prodotti tas-subintestatura 3002 10)

Kodiċi NM	Deskrizzjoni
2933 54	Derivattivi oħrajn tal-malonilurea (aċidu barbituriku); l-imlieħ tagħha
